MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Numru. 10/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs.**

**Trevor Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Trevor Bonnici ta' 27 sena, bin Domenic u Victoria nee' Aquilina, mwieled Pieta' fis-17/10/1976, residenti "Houston" Triq Nigel Dennis, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita' numru 576976M

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fid-19 ta' Lulju, 2004 u fil-jiem ta' qabel, fl-Isla u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti,

a) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artiklu 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
b) U talli biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru 2012, fejn din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza in vista tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali" deciza fit-8 t'Ottubru 2012 dwar l-ammissibilita tal-istqarrija meta l-imputat ma jkunx gie assistit minn avukat qabel l-interrogazzjoni.

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2013, l-Ufficjal Prosekutur irrimetta ruhu fuq l-effetti tas-sentenza kostituzzjonali imsemmija fuq il-proceduri odjerni, fil-waqt li d-difiza talbet li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti ta’ dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Certu Piu Micallef irrapporta lill-Pulizija li l-imputat kien mar id-dar tieghu u talbu biex jirritornalu tlett bicciet cannabis.
2. L-Ispettur baghat ghall-imputat, u wara li tah id-debita twissija l-imputat irrilaxxa stqarrija.
3. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li hu kien ipejjep zewg joints haxixa kuljum li jiswew LM5.00.
4. L-imputat ammetta wkoll li huwa kien ibiegh madwar tlett (3) bicciet kuljum bil-hames Liri (Lm5.00) il-blokka, u ghal kull tlett blokok tal-haxixa li jbiegh kien jiehu blokka b’xejn. Hu kien ilu jbiegh il-haxixa daqs xahar, u kien ibieghha x-xatt tal-Isla.
5. L-imputat zvela wkoll l-isem ta’ minghand min kien jixtri l-haxixa.
6. L-imputat qal ukoll li l-gurnata ta’ qabel naqsulu tlett blokok haxixa u haseb li hadhomlu Piu Micallef.
7. Piu Micallef qatt ma tela’ jixhed f’dawn il-proceduri ghax lahaq miet.
8. Meta l-imputat tela’ jixhed f’dawn il-proceduri hu nnega li kellu l-vizzju ta-droga.
9. L-imputat xehed li hu kien sellef LM20.00 lil Piu Micallef, izda meta talabhomlu lura, dan qatt ma tahomlu.
10. L-Ispettur Alfred Mallia kien baghat ghalih u staqsieh jekk kellux xi sapuna, u meta huwa wiegbu fin-negattiv, zammu arrestat lejl, u l-ghada fil-ghodu l-Ispettur rega’ baghat ghalih biex johodlu l-istqarrija.
11. L-imputat xehed ukoll li dak kollu li qal fl-istqarrija kien kollu gideb, ghax l-unika skop li kellu kien li jitlaq lejn id-dar, ghax kien bil-guh, ghax l-ahhar darba li kiel kien fil-ghaxija qabel ma raqad u l-istqarrija ittiehdet fil-ghodu fid-9.15am u damet sal-10.15a.m.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti dwar Htija**

<u>*L-Istqarrija tal-Imputat Trevor Bonnici*</u>

Il-Qorti se tikkunsidra fl-ewwel lok il-kwistjoni sollevata mid-difiza waqt it-trattazzjoni orali u fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha, u cioe li stante li l-istqarrija tal-imputat odjern ittiehdet fl-2004, meta ma kienx hemm il-possibilita li jiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni, l-istqarrija tieghu ghandha tigi skartata.

Fis-sentenza ta’ **Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali** deciza fit-8 ta’ Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista’ jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F’dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi *“Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur.”*

Fil-kaz ta’ **Muscat** fuq citat, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq, ghaliex *inter alia*:

1. meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrent kien ragel matur li gia kien qieghed jiskonta sentenza ta’ prigunerija fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta’ interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta’ vulnerabilita’ hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn issir l-interrogatorju.
2. ir-rikorrent kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa’ sieket u ma jwegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta’ jaghmilha minghajr konsegwenzi ta’ xejn.
3. sakemm infethet il-kawza ir-rikorrent qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li fiha.

Il-Qorti Kostituzzjonali regghet irribattiet dan l-insenjament taghha fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Alfred Camilleri**, deciza fit-12 ta' Novembru 2012, pero fuq il-fatti specje tal-kaz waslet ghall-konkluzjoni li fil-fatt kien gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq tal-akkuzat ghaliex inter alia:

1. ghalkemm l-akkuzat kellu diga xi kundanni fil-fedina penali qabel sar l-interrogatorju, ma rrizultax li qatt skonta sentenza ta' prigunerija, u lanqas irrizulta li qabel kellmu l-ispettur kellu esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija jew kien involut fi tfittxija kif fil-fatt saritlu.

2. illi qabel bdiet it-tfittxija fir-residenza ta' ommu, ghalkemm l-akkuzat kien suspettat bit-twettieq ta' reat, huwa ma nghatax it-twissija li kellu jedd jibqa' sieket sabiex ma jinkriminax ruhu.

Ma jistax ikun hemm dubbju li l-access ghal avukat qabel l-interrogatorju bhala parti mid-dritt ta' smiegh xieraq gie introdott kemm mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ara il-kaz ta' **Salduz**[1]) u mill-Qorti Kostituzzjonali (ara **Il-Pulizija v. Alvin Privitera**[2]), biex jirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta' zbilanc u nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-interrogatur u min qed jigi interrogat. Jista' facilment ikun hemm sitwazzjonijiet ta' intimidazzjoni, paniku u konfuzjoni f'mohh il-persuna arrestata tant li f'dawk ic-cirkostanzi l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata. Ghalhekk huwa gust li ammissjoni jew stqarrija maghmula minn persuna vulnerabbli f'cirkostanzi intimidanti ghandha tigi skartata. Minn naha l-ohra jekk il-persuna arrestata ma hix persuna vulnerabbli u c-cirkostanzi ma jistghux jitqiesu intimidanti, ma hemmx raguni valida ghaliex l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata.[3]

Inoltre, fis-sentenza **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi: *"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li*

[1] Deciz fis-27 ta' Novembru 2008.
[2] Deciz fil-11 ta' April 2011.
[3] Ara ittra ta' Dottor Giovanni Bonello Imhallef *Emeritus* fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ippubblikata fit-*Times of Malta* fit-28 ta' Novembru 2012.

*ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali gie wkoll abbraccat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. (ara per ezempju **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013[4], **Il-Pulizija vs. Debbie Antoinette Vella** deciza fl-10 t'April 2013[5], **Il-Pulizija vs. Jesmond Camilleri** deciza fit-18 t'April 2013[6] u **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** deciza fit-18 ta' Gunju 2013[7]).

Fil-kaz odjern, meta ittiehdet l-istqarrija, l-imputat Trevor Bonnici kellu 27 sena. Ghalkemm ma rrizultax li huwa kellu esperjenza qabel ta' interrogatorju mill-pulizija, l-imputat ma kienx minorenni u lanqas allega li kien ibati minn xi forma ohra ta' vulnerabilita', hekk li jkun jista jinghad li facilment seta' jkun intimidat bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju. Inoltre, lanqas gie allegat li c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienu intimidanti.

Inoltre qabel l-interrogatorju, l-imputat gie mgharraf bid-dritt tieghu li jibqa' sieket u ma jwiegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.

L-unika haga li allega l-imputat fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti hija li meta sar l-interrogatorju hu kien bil-guh, ghax l-ahhar li kiel, ghax kien qieghed taht arrest, kien il-lejl ta' qabel, u ghalhekk gideb sabiex ikun jista' jmur id-dar. Pero l-imputat ma gab l-ebda prova indipendenti ta' dan, per ezempju li ma kienx inghata kolazzjon filghodu, jew li hu kien ilmenta minn dan il-fatt mal-ufficjali tal-Pulizija jew ma terza persuna *a tempo vergine*. Fit-tieni lok, l-interrogatorju sar fid-9.15a.m. u dam siegha, u l-imputat wiegeb fid-dettal id-domandi li sarulu mill-ispettur, minghajr ma jidher li kien mghaggel. Anki jekk ghall-grazzja tal-argument, l-imputat ma kienx inghata kolazzjon fil-ghodu, mhux verosimili, li huwa ragel ta' 27 sena, iddecieda li jigdeb waqt l-interrogatorrju u jammetti li jittraffika d-droga – u dan meta konxjament jaf li se jidhol f'tant inkwiet mal-gustizzja – ghax kien ghadu ma kielx sad-9.15a.m., meta *ex admissis* l-ahhar li kiel kien il-lejl ta' qabel l-interrogatorju.

---

4 *Per* Imhallef David Scicluna.
5 *Per* Imhallef David Scicluna.
6 *Per* Imhallef Michael Mallia.
7 *Per* Imhallef Michael Mallia.

Fit-tielet lok, ghalkemm l-istqarrija ttiehdet f'Lulju 2004, kien biss meta xehed fis-seduta tad-9 t'Ottubru 2009,[8] li l-imputat issolleva l-kwistjoni li waqt l-interrogatorju kien gideb ghax kien bil-guh u ried jitlaq mill-ghassa, u kien biss fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2011,[9] li l-imputat issolleva l-kwistjoni li l-istqarrija tieghu ttiehdet minghajr ma kellu assistenza legali. Matul dawn tal-inqas hames (5) snin, l-imputat qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija tieghu jew li jichad il-kontenut taghha. Dan huwa sinjal li l-imputat stess ma kienx qed ihossu illi tqieghed taht zvantagg ingust bl-istqarrija tieghu li, wara kollox, ghamilha liberament.

Ghaldaqstant, fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hemmx biza' li fl-istqarrija tieghu, l-imputat seta' stqarr htijiet u fatti li ma ghandhomx mis-sewwa.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti ma hemmx raguni valida ghaliex ghandha tiskarta l-istqarrija tal-imputat.

*Il-Meritu*

Kif jidher mill-elenku tal-fatti iktar il-fuq, hemm divergenza totali bejn dak li l-imputat qal fl-istqarrija tieghu, u dak li l-imputat xehed quddiem din il-Qorti. Din il-Qorti m'ghandhiex dubju li dak li xehed l-imputat quddiemha m'huwiex veritier u m'ghandhux mis-sewwa, u huwa kontradett kemm bix-xhieda tal-ewwel Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Alfred Mallia, kif ukoll mill-istqarrija tieghu (tal-imputat) stess.

Kif intqal aktar il-fuq, fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li kien ilu xahar jitraffika madwar tlett bicciet haxixa kuljum, fil-waqt li jabbuza hu stess mill-istess droga.

[8] Ara xhieda tal-imputat a fol. 42 *et seq.* tal-process.
[9] Ara fol. 56 tal-process.

Konsegwentement, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat ghandu fedina penali netta u ikkopera mal-pulizija.

Pero, l-imputat ammetta wkoll li kien ibiegh madwar tlett bicciet haxixa tal-LM5.00 kuljum ghal madwar xahar. Dan ifisser li bejn wiehed u iehor 90 bicca haxixa (3 x 30 jum). Pero, peress li mill-provi ma jirrizultax kemm kien il-piz ta' kull bicca rezina, il-Qorti se tati l-beneficcju kollu lill-imputat u se tikkalkula li kull bicca rezina kellha doza wahda, li kif inhu notorju fil-qasam tad-droga, fil-kaz tal-cannabis dan huwa 0.2 grammi. Ghalhekk il-Qorti tikkalkula li l-imputat biegh circa 18-il gramma (0.2g x 90) cannabis.

Il-Qorti tixtieq taghmilha cara li hi tqis it-traffikar ta' drogi bhala reat serjissimu, u ma huwa ebda attenwant il-fatt li dan isir minn *drug addict* biex imantni l-vizzju tieghu. Min isofri mill-problema tad-droga ghandu jipprova jikkura ruhu. Il-vizzju u l-problemi ta' dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor, u possibilment jirvina anke zghazagh ohra.

Kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009 *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett*

*punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b) it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' sena u nofs prigunerija effettiva u multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------